**Anton F. Attard, B.A.**

# *Il-Knisja ta' San Mark tar-Rabat, Għawdex*

Fil-lista ta' knejjes ipprofanati bil-fundazzjoni tagħhom, Ġanpiet Franġisk Agius de Soldanis, meta jsemmi l-knisja ta' San Mark igħid hekk: "36. *Ta' San Mark,* Evanġelista, hawn ir-Rabat, qrib il-knisja ta' San Ġakbu."[1] Ma jagħti ebda riferenza.

Iktar 'il quddiem fl-istess ktieb, meta jiġi biex jitkellem dwar il-kunvent tal-Patrijiet ta' San Franġisk, igħidilna hekk dwar din l-imbierka knisja ta' San Mark: "Dawn il-Patrijiet għall-ewwel kienu jiddubbaw bil-knisja ta' San Mark fil-ħara ta' San Ġakbu, hawn ir-Rabat. Hekk qrajt fil-kabrew[2] ġdid tagħhom tas-sena 1735." Bħala riferenza jagħti l-Atti ta' Ġanfranġisk Alboranti, fejn sar dan il-kabrew, folja 8. Imbagħad jissokta jgħidilna hekk: "Il-kanonku Kostanzo, fl-aħbarijiet li kiteb fuq Malta u li għadhom mhux mitbugħin[3], igħidilna li dawn il-Patrijiet, barra din il-knisja ta' San Mark, kellhom ukoll il-knisja ta' San Franġisk, tant hu hekk li l-Qorti ta' l-Isqof kienet bagħtet amar[4] lil dawn il-Patrijiet biex juru b'liema jedd kellhom żewġ knejjes. Araw x'kien fih dak l-amar: **'Sub die 5 Settembris 1545 fuit per Curiam Ecclesiasticam injunctum Patri Leonardo Calleja Ordinis S. Francisci quod cum teneat Gaudisii Ecclesiam S. Marci, et a decem annis infra Ecclesiam S. Francisci in Rabbato, quod ostendat titulum dictae Ecclesiae S. Marci.'**

Dan ifisser: 'fil-5 ta' Settembru 1545 il-Qorti ta' l-Isqof bagħtet tgħid lil Patri Leonardu Calleja ta' l-Ordni ta' San Franġisk li għandu taħt idejh il-knisja ta' San Mark, u minn għaxar snin 'l hawn, il-knisja ta' San Franġisk fir-Rabat, biex juri b'liema jedd qiegħed iżomm il-knisja li semmejna ta' San Mark'. B'din il-knisja ta' San Mark il-Patrijiet kienu ilhom ma jiddubbaw sa mis-sena 1535, għax kellhom l-oħra ta' San Franġisk."[5]

Sa hawn x'kiteb De Soldanis.

Issa ejjew naraw x'qal Achille Ferres li fis-seklu dsatax kien ħareġ ktieb dwar l-istorja tal-knejjes ta' Malta u Għawdex[6].

**"Antichissima parimente e' la chiesa di san Giacomo Apostolo (titolo di beneficio di libera collazione), e come la precedente *ta Savina* era un tempo parrocchiale per l'altra metà del Gozo. Era questa chiesa attigua a due altre: di santa Croce e di san Marco le quali erano sino il 1545 in piedi, come risulta da documenti del rev. D. Giovanni de Nasis."**[7]

Bil-Malti jfisser hekk: "Mill-iżjed qadima hi l-knisja ta' San Ġakbu Appostlu (titlu ta' benefizzju li jingħata b'mod ħieles mill-isqof), u bħal ta' qabilha ta' Savina kienet f'xi żmien parrokkjali għan-nofs l-ieħor ta' Għawdex[8]. Kienet din il-knisja tmiss ma' żewġ knejjes oħra: ta' Santa Kruċ u ta' San Mark li sa l-1545 kienu għadhom fuq saqajhom, bħalma jinstab f'dokumenti tar-Rev. Dun Ġwann de Nasis."

Sfortunatament, Ferres ma jgħidx eżatt liema huma u fejn huma dawn id-dokumenti ta' Dun Ġwann de Nasis ħalli nkunu nistgħu narawhom aħna wkoll.

Għalkemm ħawditu xi ftit, anki l-istorjografu Patri Bonaventura Fiorini, OFM.Conv., wasal biex emmen li xi darba l-Patrijiet ta' San Franġisk tar-Rabat, Għawdex, kellhom żewġ knejjes, waħda ddedikata lil San Mark u l-oħra lil San Franġisk. F'artiklu intitulat *I Francescani al Gozo,* taħt is-sottotitolu *La Chiesa di Gozo,* igħidilna hekk: **"Non ci occupiamo della Chiesa di San Marco, di cui d'altronde nulla sappiamo. Dicesi che fosse situata nella contrada di San Giacomo. Ne' mai risulto' quando i Frati l'acquistarano e poi l'abbandonarono. Nessun vestigio oggi rimane dell'edificio. Della prima fase di costruzione di San Francesco poco sappiamo. Esiste al contrario abbondante materiale inedito per la secondo costruzione della Chiesa nostra di Rabat."**

Li bil-Malti jfisser: "Ma ninħlewx fuq il-knisja ta' San Mark, li dwarha minn imkejjen oħra ma nafu xejn. Kien jingħad li kienet tinsab fl-inħawi ta' San Ġakbu. Qatt ma rriżulta meta akkwistawha l-Patrijiet u mbagħad abbandunawha. Ebda fdal ma baqa' llum tal-bini tagħha. Dwar l-ewwel fażi tal-bini tal-knisja ta' San Franġisk ftit nafu. Għall-kuntrarju jeżisti materjal kotran mhux maħruġ dwar il-bini għat-tieni darba tal-knisja tagħna tar-Rabat (ta' Għawdex)."

Taħt it-titlu San Francesco di Rabat (Gozo), Patri Bonaventura jissokta jgħidilna: **"I documenti inediti che ricalcano i manoscritti del convento anteriori alla Giuliana del 1634, non assegnano alla prima costruzione della Chiesa di San Francesco una data, ma solamente segnalano che i Minori Conventuali nel 1535 officiavano due Chiese: quella di San Marco u l'altra di San Francesco. Nessun documento e' stato rintracciato che ci porti a raggiungere notizie sicure e precise riguardo la vecchia Chiesa. Il Tossignano la descrisse piccola.** (Petrus Rodulfus a Tausiniano, O.F.M. Conv., *Historiarum Seraphicae Religionis libri tres, Venetiis, 1586,* 282, "Ecclesia est parva").[9]

Bil-Malti: "Id-dokumenti mhux maħruġa li

jwassluna għall-manuskritti tal-kunvent eqdem mill-Ġuljana ta' l-1634, ma jsemmu xejn dwar id-data ta' l-ewwel bini tal-knisja ta' San Franġisk, imma jsemmu biss li l-Minuri Konventwali fl-1535 kienu jinqdew b'żewġ knejjes: dik ta' San Mark u l-oħra ta' San Franġisk. Ebda dokumenti ma sibna li jwassalna biex insibu aħbarijiet żguri u preċiżi dwar il-knisja l-qadima. Tossinjanu ddeskrivieha bħala knisja żgħira."

Bħalma rajna aktar qabel, din l-impressjoni li l-Patrijiet ta' San Franġisk kellhom f'idejhom żewġ knejjes ħarġet mill-kabrew il-ġdid tas-sena 1735. Imma kif igħid tajjeb Patri Alessandru Bonnici, "Waqt li deher ċert li l-Patrijiet kellhom f'idejhom il-knisja ta' San Mark ħadd qatt ma kien jaf jagħti l-iċken indikazzjoni dwar fejn kienet dik il-knisja."

Il-għelt ikompli jiżdied minn dak li kiteb De Soldanis għax dan jagħtina l-impressjoni li din il-knisja kienet fil-ħara ta' San Ġakbu. U mhux hekk biss, għax ikompli jisħaq li l-Franġiskani kellhom żewġ knejjes. Għalhekk De Soldanis ikompli jurina kemm dan kien veru billi jsemmi li l-Kurja obbligathom juru b'liema dritt kellhom f'idejhom dawk iż-żewġ knejjes. Mill-kitba tingħata wkoll l-impressjoni li l-Patrijiet kienu abbandunaw il-knisja ta' San Mark minn mindu, għaxar snin qabel, kellhom il-knisja ta' San Franġisk. Din, imma, ma kienet xejn ħlief taħwida. X'kien ġara?

Il-Patrijiet ta' San Franġisk meta daħlu Għawdex, u għexu fil-għerien, bnew knisja u ddedikawha lil San Mark. Din il-knisja kienu bnewha fl-1511.[10] Wara, maġenb din il-knisja bnew l-ewwel kunvent tagħhom. Fl-1535, qatgħuha li, bil-permess ta' l-Awtoritajiet, jibdlulha t-titular u semmewha għal missierhom San Franġisk. Dan it-tagħrif joħroġ minn kuntratt tan-Nutar Domenico Portelli magħmul fl-1545, u li kien sabu Patri Alessandru Bonnici, u li fih dawn il-preċiżi kelmiet: **Die Undecimo Septembris MDXLV: ... ecclesiam olim vocatam Sancti Marchi, nuper vero ab annis decem infra Sancti Francisci, positam in Rabbato praesentis terrae Gaudisii Melivetanae dioecesis."**

Bil-Malti jfissru: "11 ta' Settembru, 1545: .... il-knisja li, fl-imgħoddi, kienet imsemmija għal San Mark.... *minn għaxar snin 'il hawn issemmiet għal San Franġisk,* tinsab ir-Rabat ta' din l-art (jew il-belt?) ta' Għawdex, fid-djoċesi ta' Malta."[11]

Mela, it-titular inbidel għaxar snin qabel is-sena 1545. Il-knisja ta' San Franġisk, kienet l-istess knisja li sa l-1535 kienet iddedikata lil San Mark. Imbagħad, Patri Leonard Calleya, ingħatatlu l-ordni biex jippreżenta d-dokumenti ħalli juri li l-knisja kienet verament tal-Patrijiet Franġiskani. U minn dak in-nhar 'il hawn it-titular baqa' dejjem l-istess kif għadu sa llum.

Imma, tgħiduli, il-knisja ta' San Ġakbu fiex tidħol u x'kellha x'taqsam mal-knisja ta' San Mark li allura kienet flok il-knisja ta' San Franġisk?

Kellha, u kif! Il-knisja ta' San Mark, u naturalment wara anki dik ta' San Franġisk, kienet tiġi fil-limiti ta' San Ġakbu, li allura kienet parroċċa *quarterii Rabati,* il-kwartier tar-Rabat tan-naħa tal-lvant[12]. Jidher li min qara d-dokument l-antik flok li fehem fil-limiti ta' San Ġakbu, kif suppost,[13] fehem fl-inħawi ta' San Ġakbu, għax għandu mnejn ma kienx jaf li din il-knisja kienet waħda mit-tliet parroċċi tar-Rabat jew ta' barra l-ħitan tas-swar, anzi t-tieni waħda fil-preċedenza, u li din kellha l-limiti tagħha. U din hija prova oħra li l-parroċċi medjuevali tar-Rabat kellhom verament il-limiti tagħhom u allura kienu parroċċi territorjali bil-konfini stabbiliti.

***RIFERENZI:***


1 Mons. Dun Ġużepp Farrugia, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu. It-Tieni Ktieb. Malta Stamperija tal-Gvern, 1953,* p. 70.
2 **kabrew,** ktieb tal-pjanti tal-proprjetà ta' xi nobbli jew istituzzjoni.
3 **mhux mitbugħin,** mhux stampati.
4 **amar,** ordni.
5 Mons. Dun Ġużepp Farrugia, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu. It-Tieni Ktieb. Malta Stamperija tal-Gvern, 1953,* pp. 84-85.
6 Achille Ferres, *Chiese Cappelle ed Oratori Esistenti nel 1870. Malta 1870.*
7 Achille Ferres, *Chiese Cappelle ed Oratori Esistenti nel 1870. Malta 1870,* p. 557.
8 Li tgħid li San Ġakbu kienet parroċċa tan-nofs l-ieħor ta' Għawdex hija ineżattezza għax San Ġakbu kienet parroċċa *quarterii Rabati,* ta' taqsima mir-Rabat. San Ġakbu: parroċċa *"Juxta moenia Castri et portam dicti Rabati respicientem orientem versus que alias fuerat parochia quarterii dicti Rabati."* Viżta Pastorali 1587 f. 19r. Jidher li din l-ineżattezza Ferres ikkupjaha minn De Soldanis li kiteb hekk ukoll: 'Bħal ta' Savina hi qadima wkoll bis-sħiħ il-knisja ta' San Ġakbu Appostlu, li bħal dik kienet ukoll parroċċa għan-nofs l-ieħor ta' Għawdex.'
9 Patri Bonaventura Fiorini, "I Francescani al Gozo", *Melita Historica, Vol. III, No. 4, 1963,* p. 48. Il-kwotazzjoni sħiħa hija din: *Locus Cathi extra urbem. Est autem Gothum insula adjacens Melitae, Ecclesia est parva, locus est modicus et pauperrimus.*
10 Alexander Bonnici, OFMConv., *Il-Franġiskani Konventwali f'Malta u Għawdex, Reliġjon u Ħajja, 2005,* pp. 254.
11 Alexander Bonnici, OFMConv., *Il-Franġiskani Konventwali f'Malta u Għawdex, Reliġjon u Ħajja, 2005,* pp. 252-256.
12 Viżta Pastorali 1587 f. 19r., *"Juxta moenia Castri et portam dicti Rabati respicientem orientem versus que alias fuerat parochia quarterii dicti Rabati."*
13 Ara wkoll Alexander Bonnici, OFMConv., *Il-Matriċi Kolleġġjata u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex, 1975,* p. 121: "1535 Knisja tar-Rabat ta' Għawdex, imsemmija għal San Mark, tieħu l-isem ta' San Franġisk, u titqies fil-limiti tal-parroċċa ta' San Ġakbu."